



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-709/20

CG

vs

The Department for Communities in Northern Ireland

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Appeal Tribunal for Northern Ireland)

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-15 ta' Lulju 2021

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Ċittadin ta' Stat Membru mingħajr attività ekonomika li jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor abbażi tad-dritt nazzjonali – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE – Nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità – Direttiva 2004/38/KE – Artikolu 7 – Kundizzjonijiet għall-kisba ta' dritt ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur – Artikolu 24 – Benefiċċji ta' għajjnuna soċjali – Kunċett – Ugwaljanza fit-trattament – Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq – Perijodu ta' tranżazzjoni – Dispożizzjoni nazzjonali li teskludi mit-tgawdija tal-benefiċċju ta' għajjnuna soċjali liċ-ċittadini tal-Unjoni li jkollhom dritt ta' residenza għal żmien determinat skont id-dritt nazzjonali – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 1, 7 u 24”

1. *Domandi preliminari – Proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari – Kundizzjonijiet – Ċirkustanzi li jiġġustifikaw trattament mgħaġġel – Riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali u ta' ulieda – Ammissibbiltà tar-rikors għal din il-proċedura*
(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 7 u 24; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 105)

(ara l-punti 42 sa 44)

2. *Ċittadinanza tal-Unjoni – Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri – Direttiva 2004/38 – Benefiċċji ta' għajjnuna soċjali – Kunċett – Benefiċċju ta' għixien fi flus bħall-kreditu universali – Inklużjoni – Verifika mill-qorti tar-rinviju*
(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/38, Artikolu 24(2))

(ara l-punti 68 sa 71)

3. *Ċittadinanza tal-Unjoni – Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri – Direttiva 2004/38 – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Ċittadin tal-Unjoni mingħajr attività ekonomika u li ma għandux biżżejjed riżorsi – Dritt ta' residenza*

*temporanja mogħti lill-imsemmi ċittadin abbażi tad-dritt tal-Istat Membru ospitanti – Leġiżlazzjoni ta’ dan l-Istat Membru li teskludi lil tali ċittadin mit-tgawdija tal-benefiċċju ta’ għajjnuna soċjali – Benefiċċji ggarantiti liċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti li jkunu jinsabu fl-istess sitwazzjoni – Ammissibbiltà
(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/38, Artikoli 7 u 24(1))*

(ara l-punti 78, 79, 93 u d-dispożittiv)

4. *Ċittadinanza tal-Unjoni – Dispożizzjonijiet tat-Trattat – Kamp ta’ applikazzjoni – Ċittadin tal-Unjoni mingħajr attività ekonomika u li ma għandux biżżejjed riżorsi – Dritt ta’ residenza temporanja mogħti lill-imsemmi ċittadin abbażi tad-dritt tal-Istat Membru ospitanti – Inklużjoni – Talba għal benefiċċji ta’ għajjnuna soċjali ppreżentata f’dan l-Istat Membru – Obbligu tal-awtoritajiet kompetenti li jeżaminaw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni – Portata ta’ dan l-eżami
(Artikolu 21(1) TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 1, 7, 24 u 51(1))*

(ara l-punti 84, 85, 88, 93 u d-dispożittiv)

Sunt

Il-leġiżlazzjoni Brittanika dwar il-kreditu universali, li ċċaħħad minn dan tal-aħħar liċ-ċittadini tal-Unjoni li għandhom dritt ta’ residenza abbażi tal-iskema stabbilita fil-kuntest tal-Brexit, iżda li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha tad-Direttiva 2004/38, hija kompatibbli mal-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament iggarantit mid-dritt tal-Unjoni Ewropea

Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jivverifikaw li rifjut li jingħataw tali benefiċċji ta’ għajjnuna soċjali ma jesponix liċ-ċittadin tal-Unjoni u lill-uliedu għal riskju ta’ ksur tad-drittijiet tagħhom stabbiliti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, b’mod partikolari r-rispett tad-dinjità tal-bniedem.

CG, li għandha nazzjonalità doppja Kroata u Olandiża, ilha tgħix fir-Renju Unit mis-sena 2018 mingħajr ma teżerċita attività ekonomika. Hemmhekk hija kienet tgħix mas-sieħeb tagħha, ta’ nazzjonalità Olandiża, u ż-żewġ itfal tagħhom sakemm marret tgħix frifugju għan-nisa msawta. CG ma għandha ebda riżorsi.

Fl-4 ta’ Ġunju 2020, il-Home Office (il-Ministeru għall-Intern, ir-Renju Unit) taha d-dritt ta’ residenza temporanja fir-Renju Unit, abbażi tal-iskema l-ġdida Brittanika applikabbli għaċ-ċittadini tal-Unjoni residenti f’dan il-pajjiż, stabbilita fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. L-għoti ta’ tali dritt ta’ residenza ma huwiex suġġett għal kundizzjoni ta’ riżorsi.

Fit-8 ta’ Ġunju 2020, CG ippreżentat talba għal benefiċċju ta’ għajjnuna soċjali, imsejjaħ kreditu universali (Universal Credit), quddiem il-Ministeru għall-Komunitajiet tal-Irlanda ta’ Fuq. Din it-talba ġiet miċħuda, għar-raġuni li l-Liġi dwar il-Kreditu Universali teskludi liċ-ċittadini tal-Unjoni li għandhom dritt ta’ residenza mogħti abbażi tal-iskema l-ġdida mill-kategorija tal-benefiċjarji potenzjali tal-kreditu universali.

CG ikkontestat dan ir-rifjut quddiem l-Appeal Tribunal (Northern Ireland) (il-Qorti tal-Appell għall-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit), billi invokat, b'mod partikolari, differenza fit-trattament bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni residenti legalment fir-Renju Unit u iċ-ċittadini Brittaniċi. Din il-qorti ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eventwali inkompatibbiltà tal-liġi Brittanika dwar il-kreditu universali mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja, tikkonstata l-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Brittanika mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament previst fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/38¹, filwaqt li tobbliga lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jivverifikaw li rifjut li jingħataw il-benefiċċji ta' għajnuna soċjali bbażat fuq din il-leġiżlazzjoni ma jesponix liċ-ċittadin tal-Unjoni u lill-uliedu għal riskju konkret u attwali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom stabbiliti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Peress li t-talba tal-qorti tar-rinviju tressqet qabel tmiem il-perijodu ta' tranżazzjoni, jiġifieri qabel il-31 ta' Diċembru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwar din it-talba, b'applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika².

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, qabelxejn, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli f'dan il-każ u tikkonkludi li l-kwistjoni dwar jekk CG iġġarrabx diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/38, u mhux tal-Artikolu 18 TFUE, peress li l-ewwel wieħed minn dawn l-artikoli jikkonkretizza l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità stabbilit fost oħrajn mit-tieni wieħed, fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni li jeżerċitaw il-libertà tagħhom ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri.

Wara li kkonstatat li l-kreditu universali inkwistjoni għandu jiġi kklassifikat bħala benefiċċju ta' għajnuna soċjali, fis-sens ta' din id-direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-aċċess għall-imsemmija benefiċċji huwa rriżervat għaċ-ċittadini tal-Unjoni li josservaw il-kundizzjonijiet iddefiniti mid-Direttiva 2004/38. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, skont l-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, l-obbligu għal ċittadin tal-Unjoni ekonomikament inattiv, li jkollu biżżejjed riżorsi, jikkostitwixxi kundizzjoni sabiex huwa jibbenefika mid-dritt ta' residenza għal iktar minn tliet xhur iżda inqas minn ħames snin.

Hija tikkonferma sussegwentement il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li Stat Membru għandu l-possibbiltà, b'applikazzjoni ta' dan l-artikolu, li jirrifjuta l-għoti ta' benefiċċji ta' għajnuna soċjali lil ċittadini tal-Unjoni ekonomikament inattivi li, bħala CG, jeżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom u li ma jkollhomx biżżejjed riżorsi sabiex jitolbu l-benefiċċju ta' dritt ta' residenza taħt din id-direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li, fil-kuntest tal-eżami konkret tas-sitwazzjoni ekonomika ta' kull persuna kkonċernata, il-benefiċċji mitluba ma jittiħdux inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat il-pussess ta' riżorsi suffiċjenti.

¹ Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

² ĠU 2020, L 29, p. 7.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li d-Direttiva 2004/38 ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jistabbilixxu sistema iktar favorevoli minn dik stabbilita minn din id-direttiva, konformement mal-Artikolu 37 ta' din tal-aħħar. Madankollu, dritt ta' residenza mogħti abbażi tad-dritt nazzjonali biss, bħalma huwa l-każ fil-kawża prinċipali, bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala mogħti "skont" l-imsemmija direttiva.

Fid-dawl ta' dan, CG eżerċitat il-libertà fundamentali tagħha ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, prevista mit-Trattat, b'tali mod li s-sitwazzjoni tagħha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, minkejja li hija tislet id-dritt ta' residenza tagħha mid-dritt Brittaniku, li jistabbilixxi sistema iktar favorevoli meta mqabbal ma' dik prevista mid-Direttiva 2004/38. Issa, l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, meta jagħtu tali dritt ta' residenza bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mingħajr ma jinvokaw kundizzjonijiet u limitazzjoni għal dan id-dritt previsti mid-Direttiva 2004/38, l-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, li huwa ntiż li jkun l-istatus fundamentali ta' ċittadini tal-Istati Membri.

Konformement mal-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, dawn l-awtoritajiet huma għalhekk obbligati, meta jeżaminaw talba għal benefiċċji ta' għajjuna soċjali bħal dik imressqa minn CG, jikkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta, b'mod partikolari mal-Artikoli 1 (id-dinjità tal-bniedem), 7 (ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja) u 24 (id-drittijiet tat-tfal). Fil-kuntest ta' dan l-eżami, dawn l-awtoritajiet jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-mezzi kollha ta' għajjuna previsti mid-dritt nazzjonali li minnhom iċ-ċittadin ikkonċernat u uliedu jistgħu effettivament jibbenefikaw.